MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 104/2002/1

**George Attard u ghal kwalunkwe nteress li jista' jkollha martu Antonia Attard**

**vs**

**Mary Jane mart George Portelli**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Ottubru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba.

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata u pprezentat risposta izda ma dehritx ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-3 t'Ottubru 2002 u dik tal-lum;

Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' sitt mija u tmenin lira u erbgha u hamsin centezmi (Lm680.54c) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u tal-ittri interpellatorji tas-6 ta' Gunju 2002 u tad-29 ta' Awissu 2002 a kariku tal-konvenut."

Minn din is-sentenza appellat il-konvenuta bl-aggravju li koncizament jinvoka l-principju tad-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq. Hi tikkontendi illi t-Tribunal messu li bi ftit sabar assikura li l-avviz jiehu l-kors normali tieghu u jaghtiha c-cans ta' difiza xierqa.

Mill-atti tal-process jista' jigi ndividwat is-segwenti kwadru ta' l-iter li segwa mill-introduzzjoni ta' l-att promotur sal-pronunzjament tad-decizjoni:

(1) L-avviz gie prezentat fl-10 ta' Settembru 2002;

(2) Wara li falla l-ewwel tentattiv tan-notifika tieghu fit-23 ta' Settembru 2002 (ara riferta), l-istess gie notifikat fl-1 ta' Ottubru 2002;

(3) Il-kawza kienet appuntata l-ewwel darba ghas-smiegh ghat-3 ta' Ottubru 2002, ghal-liema gurnata l-attur harrek lil PS 1040 John Grima biex jixhed. Dan l-imharrek baqa' ma ttellax biex jixhed.

(4) Fit-3 ta' Ottubru 2002 il-konvenuta ntroduciet ir-risposta taghha, izda, kif issa spjegat fil-korp tar-rikors tal-

appell, dakinhar fil-hin tad-9.00 a.m ma kienx hemm attwarju u kellha tistenna xi hin biex dan ikun disponibbli.

(5) Fil-verbal tal-ewwel udjenza (3 ta’ Ottubru 2002) gie registrat illi l-konvenuta, debitament imsejjha, ma dehretx u l-kawza giet differita ghall-ghada ghall-kontinwazzjoni u okkorrendo ghas-sentenza.

(6) Fl-4 ta’ Ottubru 2002 gie vverbalizzat li xehed l-attur li kkonferma l-kontenut tal-avviz u l-kawza giet deciza dakinhar stess.

Premessi dawn il-fatti ma jistghax ikun hemm dubbju illi jekk wiehed kellu joqghod rigorozament ‘alla lettera’ tad-disposizzjonijiet ta’ l-Att V ta’ l-1995, allura ma jistghax jinghad illi s-sentenza moghtija tista’ titqies teknikament censurabbli. Dan kemm jekk wiehed kellu jkejjilha skond l-Artikolu 9 jew l-Artikolu 13 ta’ dak l-Att.

Jirrizulta difatti illi skond it-termini ta’ l-Artikolu 9, il-proceduri jridu jitmexxew b’heffa, sommarjament (subinciz 2(a)) u bil-minimu ta’ informalita` (subinciz 3). Skond l-Artikolu 13, imbaghad, biex tiffacilita` s-sommarjeta` l-ligi tesigi l-kontestazzjoni personali u jekk allura l-parti konvenuta tonqos li tidher kemm fid-data stabbilita ghas-smiegh, kif ukoll f’data ohra ghal liema l-kawza tkun giet differita, l-Gudikatur kien fakoltizzat jisma’ u jaqta’ l-kawza fl-assenza taghha. Dan kollu skond il-ligi, kif ahjar interpretat u spejgat fid-decizjoni fl-ismijet “**Emmanuel Caruana -vs- Elaine Cachia**”, Appell, 22 ta’ Novembru 1996.

Issa huwa wkoll minnu illi dejjem skond l-imsemmi Artikolu 9 “Gudikatur jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skond id-dettami ta’ gustizzja naturali”. Din il-Qorti proprju tissofferma fuq dan il-kliem tal-ligi biex tqajjem il-kwezit dwar kemm kien verament “xieraq” li t-Tribunal jirrimanda l-kawza mil-lum ghall-ghada. Jekk b’dan kien qed jigi sodisfatt il-vot ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att, lill-Qorti, certament jippreokuppaha l-fatt illi s-sommarjeta` procedurali tiehu s-sopravvent fuq id-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq, u bi skapitu

tieghu. Ma jidherx li dan kien l-intendiment tal-legislatur ghallanqas fejn jokkorru kazijiet li jispjegaw l-assenza tal-parti konvenuta li tidher fil-proceduri. F'dawn il-kazijiet mhux bizzejjed li wiehed jikkontenta ruhu bl-invokazzjoni "summum ius, summa iniuria". Il-Qorti ghandha d-dover tassigura illi fejn jokkorri l-ligijiet ghandhom iservu wkoll biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lill-parti citata biex issemma lehinha u tiddefendi ruhha. U allura, kif drabi ohra ntqal, anke meta kien isaltan b'aktar qawwa l-formalizmu u r-rigorizmu, wiehed irid ihares "lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn jinhtieg, immoderata mill-principju ta' l-ekwita` li wisq tajjeb giet imfissra bhala "la giustizia del dato caso". Ara **Kollez Vol XXIX pI p1171** u **Vol X pagna 1**.

Jista' jigi obbjettat illi r-regoli jridu jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri izda meta dawn, skond kif mahsub fl-Att innifsu,huma mhollija fid-diskrezzjoni tal-Gudikatur wiehed jistenna illi din l-istess diskrezzjoni tigi ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja sew mizurata u applikata bil-bon sens fil-limiti ragonevoli dettati mil-ligi, b'mod li jinholoq ekwilibriju bejn is-sommarjeta` minn naha u d-dettami tal-gustizzja naturali minn naha l-ohra. Ukoll sakemm ma jkunx jirrizulta fil-kaz partikolari illi dak li jkun ma jkunx ikkontribwixxa b'xi agir volontarju tieghu biex gab ruhu fil-qaghda ta' privazzjoni tad-dritt li dwarha jillamenta b'mod li allura jkun jghodd ghalih il-principju l-iehor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire", allura ghandu jinghata l-beneficcju tas-smiegh li jkun qieghed jinvoka.

Filwaqt li din il-Qorti bl-ebda mod ma trid turi li lesta tinkoragixxi permessivizmu ngustifikat, fl-istess hin tinklina lejn il-veduta illi l-formalizmu eccessiv mhux dejjem jaghmel gustizzja mal-partijiet in kawza. Thoss ghalhekk f'dan il-kaz illi kien jaghmel aktar haqq mal-parti konvenuta, kieku t-Tribunal kien indulgenti maghha u flok aggorna l-kawza mil-lum ghal ghada ddifferiha ghal data ohra biex taghti aktar zmien ragonevoli u opportunita` lill-appellanti biex tiddefendi ruhha.

Dan premess, il-Qorti hi sodisfatta f'dan il-kaz illi l-appellanti sofriet pregudizzju u ghalhekk l-appell taghha jimmerita li jigi akkolt. Nonostante, dak dispost fl-Att innifsu li jaghti dritt lil din il-Qorti tisma`u tiddeciedi hi stess it-talba l-Qorti thoss li dan hu kaz specjali fejn jokkorri illi l-meritu jigi qabel xejn sew epurat mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka d-decizjoni appellata. L-atti qed jigu rimessi lura quddiem it-Tribunal biex il-meritu jigi trattat u definit minnu. Fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji s'issa nkorsi jitbatew mill-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------